



Dokument ta' sessjoni

A8-0155/2016

27.4.2016

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (12594/2014 – C8-0180/2015 – 2014/0234(NLE))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Santiago Fisas Ayxelà

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (1-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA	6
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	7

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (12594/2014 – C8-0180/2015 – 2014/0234(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12594/2014),
 - wara li kkunsidra l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (12595/2014),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 91, 100(2), 207 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) (v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0180/2015),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet paragrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0155/2016),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-protokoll addizzjonali;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Kolombja u r-Repubblika tal-Perù.

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fi Brussell fis-26 ta' Ġunju 2012, u wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu bdew japplikaw skont l-Artikolu 330 tiegħu bejn l-Unjoni Ewropea u l-Perù mill-1 ta' Marzu 2013 u bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja mill-1 ta' Awissu 2013.

Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni leġiżlattiva li fiha ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim fil-11 ta' Diċembru 2012.

Fl-24 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati mal-Kolombja u l-Perù sabiex jiġi konkluż Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Kummerċ, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll").

Il-Ftehim jilliberalizza l-kummerċ fil-prodotti agrikoli u industrijali kif ukoll fis-servizzi. Huwa jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-orijini tal-merkanzija, l-ostakli tekniċi għall-kummerċ, il-miżuri sanitarji u fitosanitarji, il-kompetizzjoni, il-proprjetà intellettuali u l-akkwist pubbliku.

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li l-parteċipazzjoni tal-Kroazja fil-Ftehim ta' Kummerċ hija konsegwenza naturali tal-adeżjoni tagħha mal-UE. Issa huwa xieraq li l-Kummissjoni u l-Kunsill jieħdu l-passi legali meħtieġa sabiex din il-parteċipazzjoni ssir possibbli.

Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, ir-rapporteur jirrakkomanda li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-protokoll addizzjonali dwar il-parteċipazzjoni tal-Kroazja fil-Ftehim ta' Kummerċ, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù min-naħa l-oħra.

L-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għal din id-Deċiżjoni tal-Kunsill hija komponent obligatorju għall-finalizzazzjoni tal-proċess ta' ratifika tal-Protokoll Addizzjonali.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	21.4.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 0 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Arena, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Santiago Fisas Ayxelà, Jude Kirton-Darling, Marine Le Pen, David Martin, Emmanuel Maurel, Emma McClarkin, Anne-Marie Mineur, Alessia Maria Mosca, Franz Obermayr, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Joachim Starbatty
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Klaus Buchner, Danuta Maria Hübner, Agnes Jongerius, Sander Loones, Bolesław G. Piecha, Frédérique Ries, Fernando Ruas, Lola Sánchez Caldentey, Judith Sargentini, József Szájer, Marita Ulvskog, Jarosław Wałęsa
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Rosa D'Amato, Emilian Pavel, Maurice Ponga, Marco Valli, Axel Voss